II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Mejju 2011

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw

(2011/634/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u (4) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Ġunju 2010 l-konferenza tan-negozjar, stabbilita taħt l-awspiċi tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp, approvat it-test tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw ("il-Ftehim").

(2) Il-Ftehim ġie nnegozjat sabiex jissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali tal-2001 dwar il-Kawkaw ("il-Ftehim tal-2001") li ġie estiż sat-30 ta' Settembru 2012. L-Unjoni hija parti għall-Ftehim tal-2001 u għalhekk huwa fl-interess tagħha li tiffirma u tikkonkludi l-Ftehim li jissostitwixxih.

(3) Il-Ftehim huwa miftuħ għall-iffirmar mill-1 ta' Ottubru 2010 sat-30 ta' Settembru 2012 u l-istrumenti ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni jistgħu jiġu depożitati matul l-istess perijodu.

(4) L-għanijiet tal-Ftehim jaqgħu taħt il-politika kummerċjali komuni;

(5) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat u applikat fuq bażi provviżorja, sakemm jintemmu l-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw ("il-Ftehim") b'dan huma awtorizzat f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni

Artikolu 3

Il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja [1], sakemm jintemmu l-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 4

L-Unjoni għandha tgħarraf lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti bl-intenzjoni tagħha li tapplika provviżorjament il-Ftehim, skont l-Artikolu 56 tiegħu

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

FAZEKAS S.

[1] Id-data minn meta l-Ftehim jibda japplika provviżorjament għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.